VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,520, 8 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 9 tal-2016

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 437.48

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu u jimplimentaw id-Direttiva 2014/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE fir-rigward tad-*databases* tal-kompjuter li huma parti min-netwerks ta' sorveljanza fl-Istati Membri.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) għal kull annimal:

- il-kodiċi uniku jew kodiċijiet uniċi ta' identifikazzjoni, fir-rigward tal-każijiet spjegati fl-Artikoli 4(1), 4b, 4ċ(1) u 4d tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament u tal-Kunsill;

- id-data tat-twelid;

- is-sess;

- ir-razza jew il-kulur;

- il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-omm jew, fil-każ ta' annimal impurtat minn pajjiż terz, il-kodiċi uniku

ta’ identifikazzjoni tal-mezz individwali ta’ identifikazzjoni allokat lill-annimal mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000;

- in-numru ta’ identifikazzjoni tal-istabbiliment fejn twieled;

- in-numri ta’ identifikazzjoni tal-istabbilimenti kollha fejn inżamm l-annimal u d-dati ta’ kull bidla ta’ stabbiliment;

- id-data tal-mewt jew tal-qtil;

- it-tip ta’ identifikatur elettroniku, jekk applikat lill-annimal.".